

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Mejju 2014 – Röchling Oertl Kunststofftechnik vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-286/14)**

(2014/C 223/41)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

Rikorrenti: Röchling Oertl Kunststofftechnik GmbH (Brensbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Volz, M. Ringel, B. Wißmann, M. Püstow, C. Oehme u T. Wielsch, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tat-18 ta' Diċembru 2013, li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formal iż-żejjant minn l-Artikolu 108(2) TFUE kontra r-Repubblika Federali tal-Ġermanja fir-rigward tas-sostenn għal elettriku rinnovabbli u tas-sopratteks EEG imnaqqsa għal utenti intensivi tal-enerġija, Għajnuna mill-Istat SA.33995 (2013/C) (ex 2013/NN), sa fejn tikkonċerna t-tnejx tas-sopratteks EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija;
- tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv: assenza ta' vantaġġ fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

- Ir-rikorrenti ssostni li t-tnejx tas-sopratteks EEG għall-impriżi li huma utenti intensivi tal-enerġija previst fil-Gesetz für den Vorrang erneuerbarer Energien (Liġi dwar l-għoti ta' priorità għall-enerġija rinnovabbli, iktar 'il-quddiem l-“EEG”), ma huwiex ghajjnuna fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. F'dan il-kuntest, hija ssostni li l-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku ma humiex fil-fatt iffavoriti minn din l-iskema. L-iskema ta' kumpens speċjali tipprovi pjuttost kumpens għal oneri straordinarji li r-rikorrenti u impriżi oħra simili qegħdin b'mod partikolari jebtu fil-kuntest tas-sostenn tal-produzzjoni tal-elettriku minn enerġija rinnovabbli u sservi sabiex tiġi stabbilita mill-ġdid il-kompetittività tal-impriżi li huma utenti intensivi tal-elettriku li kienet inizjalment milquta b'mod kunsiderevoli mis-sopratteks EEG.

2. It-tieni motiv: assenza ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE

- Ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-iskema ta' kumpens speċjali ma tikkostitwixx ghajjnuna “mogħtija minn Stat Membru jew permezz ta' riżorsi ta' l-Istat”. Fdan il-kuntest hija ssostni li s-sopratteks EEG stess ma hijiex riżorsi tal-Istat u li, għalhekk, rinunja għal dawn ir-riżorsi permezz tal-iskema ta' kumpens speċjali lanqas ma tista' tikkostitwixxi ghajjnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat.
- Is-sopratteks EEG la hija imposta, amministrata u lanqas ma hija ddistribwita mill-Istat jew minn istituzzjoni pubblika jew privata maħtura jew stabbilita mill-Istat. Għall-kuntrarju, is-sopratteks EEG tista' tiġi imposta direttament mill-operaturi tan-netwerk ta' trażmissjoni fuq il-bażi ta' pretensjoni korrispondenti taħbi id-dritt ċivili. Is-sopratteks EEG ma tiġix attribwita lill-baġit tal-Istat u għalhekk l-iskema ta' kumpens speċjali b'ebda mod, la direttament u lanqas indirettament, ma tolqot id-dħul tal-Istat.
- L-awtoritajiet tal-Istat lanqas ma għandhom xi tip ta' setgħa fir-rigward tar-riżorsi miġbura permezz tas-sopratteks EEG. Barra minn hekk, ma hemm ebda kontroll pubbliku fir-rigward ta' dawn ir-riżorsi, bħal pereżempju permezz tal-Bundesamt für Wirtschaft und Ausfuhrkontrolle (Uffiċċju federali għall-ekonomija u għall-kontroll tal-esportazzjoni, BAFA) jew permezz tal-Bundesnetzagħġur (Aġenċija federali responsabbli għan-netwerks).